MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2014

Talba Numru. 485/2013

Michael **Attard Ltd**

**C 32362**

**Vs**

**Bonnici Duncan u Bonnici Marica**

**ID 236073M u ID 63074M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-21 ta' Awissu, 2013 fejn il-Kumpanija attrici qed titlob li l-intimati jigu ikkundannati jhallsu s-somma ta' elf sitt mija u wiehed u sittin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€1,661.48) rapprezentanti import ta' erbatax-il kambjala skaduti u accettati mid-debituri.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta sekwestru u l-mandat ta' qbid ipprezentati kontestwalment, u bl-imghax mid-data tal-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuit gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehru ghas-seduta tal-21 ta' Frar, 2014 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tal-21 ta' Frar, 2014 u filfatt il-konvenuti naqsu li jidru sabiex jirrispondu ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf sitt mija u wiehed u sittin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€1,661.48) bl-imghax sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru u l-mandat ta' qbid ipprezentati kontestwalment, ikunu a karigu tal-konvenuti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------